TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Marica u Amy Distefano

vs

Andrew Scicluna/ Lourdes Pharmacy

CCT 22/21/MS

19 ta' Jannar 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-16 ta' Frar 2021 fejn talbu r-rifuzjoni ta' mija u ghoxrin Euro, prezz ta' *custom-made insoles* mixtrijin minghand il-konvenut, liema *insoles* ma kienux tajbin ghall-uzu li ghalihom kienu ntizi u kkawzaw ugigh lir-rikorrenti.

Ra li l-konvenut debitament notifikat m'ghamilx risposta, izda deher quddiem dan it-Tribunal, kemm fit-12 ta' Mejju 2021 kif ukoll fl-14 ta' Lulju 2021.

Ra x-xhieda tar-rikorrenti Marica Distefano u Amy Distefano.

Ra illi l-konvenut ma regax deher quddiem it-Tribunal meta s-seduta kienet thalliet ghall-provi tieghu.

Ra illi fis-27 ta' Ottubru 2021 il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ra illi ma kien hemm l-ebda ostakolu ghal-prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fis-sena 2020 jew qabel, Amy Distefano, li tigi t-tifla ta' Marica Distefano , bdiet tbaghti minn ugigh f'saqajha u r-rikorrenti marru ghand il-konvenut, li huwa *podiatrist*, u wara vista qalilha illi kellha bzonn tilbes suletti. Hadilha mudell ta' saqajha fuq bicca karta A4 u r-rikorrenti Marica Distefano, ghalkemm kienet xettika, hallset is-somma ta' mija u ghoxrin Euro u ordnathom. Wara erbat ijiem it-tifla bdiet tilmenta minn ugigh u meta r-rikorrenti infurmat lill-konvenut, qalilha biex taghti naqra cans. Pero' il-problema ppersistiet u fuq parir tal-konvenut, regghu marru ghandu. Spiccaw marru tlett darbiet ohra ghaliex il-problema ma rrisolvietx ruhha u r-rikorrenti ma kienux kuntenti. Meta t-tifla baqghet bl-ugigh marru ghal '*second opinion*' u din id-darba il-proceduri kienet iktar rigoruza u r-rikorrenti Amy Distefano kellha timxi fuq tapit u hemmhekk irrizulta illi saqajha kienu mibrumin u li s-suletti tal-konvenut ma kienux tajbin u addattati ghaliha. Wara procedura shiha fejn hadu wkoll il-forma ta' saqajha minn *soft foam particles*, huma fasslu *custom-made insoles* li kienu addattati ghaliha.

Xehdet ukoll it-tifla, Amy Distefano, illi kkonfermat illi bdiet ikollha ugigh fl-ghaksa xi tlett snin qabel u ghall-ewwel issuspettat illi kienet 'flat-footed'. Qalet li marret ghand il-konvenut u qalilha illi effettivament hi kienet flat-footed u ghamel mudell ta' saqajha fuq bicca karta. Ommha kienet saqsietu jekk dan kien bizzejjed u l-konvenut kien assiguraha illi kien. Pero' spiccaw marru ghandu xi erba' darbiet ohra ghaliex l-*insole* illi huwa ipprovda beda jikkawzalha hafna ugigh. Spjegat ukoll illi marru ghand specjalista ohra li wara li ghamel numru ta' testijiet, anke digitali, ikkonferma x'kienet il-problema. Spjegat ukoll illi hi kienet dahlet saqajha go kaxxa specjali u li wara kien ikkonferma illi hi ma kentix *flat-footed* izda kellha problema genetika u li dan seta' jikkawzalha ukoll ugigh f'daharha, li qalet illi fil-fatt kienet qed thoss. Esebiet ukoll numru ta' dokumenti, inkluzi tat-testijiet illi ghamlet.

Ikkunsidra

Illi l-konvenut, debitament notifikat, m'ghamilx risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal meta l-kawza thalliet ghall-provi tieghu. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux versjoni

ohra li b'xi mod tikontradetta ix-xiehda tar-rikorrenti. Apparti minn hekk, it-Tribunal jidhirlu illi x-xiehda tar-rikorrenti hija verosimili ghall-ahhar u m'ghandu l-ebda dubju illi l-konvenut ghamel dijanjosi hazin u li l-*insoles* ma kienux addattati ghar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-konvenut ihallashom is-somma ta' mija u ghoxrin Euro. Bl-ispejjes kontra l-istess konvenut.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru